

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/500**tal-21 ta' Marzu 2017****dwar ir-rikonoxximent tal-iskema volontarja msejħa "Bonsucro EU" biex tintwera l-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE⁽¹⁾, u b'mod partikulari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7c(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE⁽²⁾, u b'mod partikulari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(4) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikoli 7b u 7c u l-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE u l-Artikoli 17 u 18 u l-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE jistipulaw kriterji simili tas-sostenibbiltà għall-bijofjuwils u għall-bijolikwidi, u proċeduri simili għall-verifika tal-konformità ma' dawk il-kriterji.
- (2) Meta l-bijofjuwils u l-bijolikwidi jkunu jridu jitqiesu għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1)(a), (b) u (c) tad-Direttiva 2009/28/KE, l-Istati Membri għandhom jirrikjedju li l-operaturi ekonomiċi juru l-konformità tal-bijofjuwils u tal-bijolikwidi mal-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/28/KE.
- (3) Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-iskemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali li jstabilixxu l-istandards għall-produzzjoni tal-prodotti tal-bijomassa fihom dejta preċiża għall-finijiet tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2009/28/KE, u/jew li dawn juru li l-konsenji tal-bijofjuwils jew tal-bijolikwidi jikkonformaw mal-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(3), (4) u (5), u/jew li l-ebda materjal ma nbidel jew ma twarrab apposta sabiex il-konsenja jew parti minnha tkun tista' taqa' taħt l-Anness IX. Meta operatur ekonomiku jagħti provi jew jipprovi dejta miksuba skont skema volontarja rikonoxxuta mill-Kummissjoni, safejn ikun kopert bid-deċiżjoni tar-rikonoxximent, Stat Membru ma jistax jitlob lill-fornitur jipprovi aktar evidenza ta' konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà.
- (4) It-talba biex jiġi rikonoxxut li l-iskema volontarja msejħa "Bonsucro EU" turi li l-konsenji tal-bijofjuwils jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE u fid-Direttiva 2009/28/KE tressqet lill-Kummissjoni fit-18 ta' Ottubru 2016. L-iskema, li hija bbażata f'50-52 Wharf Road, Londra N1 7EU, fir-Renju Unit, tkopri l-bijofjuwils prodotti mill-kannamiela, inklużi r-residwi. Id-dokumenti tal-iskema rikonoxxuta għandhom ikunu disponibbli fil-pjattaforma ta' trasparenza stabbilita skont id-Direttiva 2009/28/KE.
- (5) Mill-valutazzjoni tal-iskema volontarja msejħa "Bonsucro EU" irriżulta li din tkopri kif xieraq il-kriterji kollha ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE u fid-Direttiva 2009/28/KE, u wkoll li din tapplika metodoloġija ta' bilanċ tal-massa skont ir-reqwiziti tal-Artikolu 7c(1) tad-Direttiva 98/70/KE u tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28/KE.
- (6) Mill-evalwazzjoni tal-iskema volontarja msejħa "Bonsucro EU" irriżulta li din tilħaq standards xierqa ta' affidabbiltà, ta' trasparenza u ta' awditjar indipendenti, u wkoll li hija tikkonforma mar-reqwiziti metodoloġiċi stabbiliti fl-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE u fl-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijofjuwils u tal-Bijolikwidi,

⁽¹⁾ ĠUL 350, 28.12.1998, p. 58.⁽²⁾ ĠUL 140, 5.6.2009, p. 16.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iskema volontarja msejħa “Bonsucro EU” (minn hawn ‘il quddiem imsejħa “l-iskema”), li tressqet lill-Kummissjoni fit-18 ta’ Ottubru 2016 għar-rikonoxximent, turi li l-konsenji tal-bijofjuwils u tal-bijolikwidi prodotti skont l-istandards għall-produzzjoni tal-bijofjuwils u tal-bijolikwidi stabbiliti fl-iskema jikkonformaw mal-kriterji tas-sostenibbiltà kif stabbiliti fl-Artikolu 7b(3), (4) u (5) tad-Direttiva 98/70/KE u fl-Artikolu 17(3), (4) u (5) tad-Direttiva 2009/28/KE.

L-iskema tinkludi wkoll dejta preċiża għall-finijiet tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2009/28/KE u tal-Artikolu 7b(2) tad-Direttiva 98/70/KE.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni hija valida għal perjodu ta’ ħames snin minn meta tidħol fis-seħħ. Jekk il-kontenut tal-iskema, kif imressaq lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent fit-18 ta’ Ottubru 2016, jinbidel b’tali mod li jista’ jaffettwa l-bażi ta’ din id-Deċiżjoni, dan it-tibdil għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni minnufih. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-tibdil innotifikat biex tistabbilixxi jekk l-iskema tkunx għadha tkopri kif xieraq il-kriterji ta’ sostenibbiltà li għalihom tkun ġiet rikonoxxuta jew le.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi li tħassar din id-Deċiżjoni, fost l-oħrajn, fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

- (a) jekk ikun intwera biċ-ċar li l-iskema ma tkunx implimentat elementi meqjusa bħala deċiżivi għal din id-Deċiżjoni jew jekk ikun twettaq ksur serju u strutturali ta’ dawk l-elementi;
- (b) jekk l-iskema ma tibgħatx rapporti annwali lill-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 7c(6) tad-Direttiva 98/70/KE u fl-Artikolu 18(6) tad-Direttiva 2009/28/KE;
- (c) jekk l-iskema ma timplimentax l-istandards tal-awditjar indipendenti speċifikati fl-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7c(5) tad-Direttiva 98/70/KE u fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18(5) tad-Direttiva 2009/28/KE jew ma ttejjibx l-elementi l-oħrajn tal-iskema meqjusa bħala deċiżivi għall-issuktar tar-rikonoxximent.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta’ Marzu 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER